MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 159/2002/1

**Waldorf Car Hire Limited**

**vs**

**Habitat Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltija (Lm2,691.00,0), rappresentanti differenza tat-taxxa tar-registrazzjoni pagabbli lill-Awtoritajiet Kompetenti fir-**

**rigward tal-kirja tal-vettura Alfa Romeo 156, bin-numru ta' registrazzjoni JAK-572 lilha mikrija mis-socjeta' attrici;**

**2. Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru tas-sena 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata l-5 t'April tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-taxxa tar-registrazzjoni pagabbli lill-Awtoritajiet kompetenti huma dovuti mis-socjeta' attrici bhala l-propjetarji tal-vettura Alfa Romeo 156, bin-numru tar-registrazzjoni JAK-572 u dan kif inhu ukoll enunciat fl-Artikolu 11 (3) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kirja tal-karozza in kwistjoni hija regolata minn skrittura privata bejn il-kontendenti datata 19 ta' Novembru ta' l-1999, (Dok H1), liema ftehim ma jistipulax dwar il-kwistjoni in materja;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

**1. Illi wara li Mariella Scerri ghall-Habitat Limited informat lis-socjeta' attrici li riedet tikri vettura tal-marka Alfa 156.2 4 JTD ta' kulur "silver" u bin-numru ta' registrazzjoni "K" l-istess socjeta' ikkonkretizzat din it-talba permezz tal-kuntratt datat id-19 ta' Novembru ta' l-1999, (ara fol 15);**

**2. Illi sussegwentement il-vettura de quo giet registrata regolarment u inghatat in-numru JAK-572;**

**3. Illi l-perjodu ta' kirja miftiehem kien ghall-hames (5) snin;**

**4. Illi fis-sena 2000 inbidlet il-ligi u konsegwentement vetturi li kellhom in-numru ta' registrazzjoni bl-ittra "K" kellhom issa jhallsu d-differenza li qabel kienu jiffrankaw;**

**5. Illi meta s-socjeta' attrici infurmat b'dan lis-socjeta' konvenuta din ta' l-ahhar irrifjutat;**

**6. Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta sostniet li hi ma kienitx taf b'dan u baqghet tinsisti li tirrifjuta t-talba attrici, (ara fol 41);**

**7. Illi ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi hu pacifiku fl-ordinament legali taghna li "injoranza iuris neminem excusat" u konsegwentement is-socjeta' konvenuta ma tistax issostni dak li sostniet il-"managing director" u firmatarja unika taghha fid-deposizzjoni guramentata taghha datata l-14 ta'**

**Novembru tas-sena 2002 gia fuq riferit a fol 41, senjatament illi:**

**"…..Jiena ma kontx naf bit-tibdiliet fil-ligi";**

**Illi r-renju tad-dritt jirrikjedi li kull membru tas-socjeta' joqghod ghal dawn il-ligijiet emanati minn zmien ghal zmien, hafna drabi anke jekk ghal xi raguni jew ohra ma joghgbuniex;**

**Illi r-rimedju prospettat zgur mhux dak indikat mis-socjeta' konvenuta;**

**Illi t-talbiet attrici huma ghalhekk mhux biss legittimi izda konkretament ibbazati fuq il-kuntratt de quo;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Habitat Limited thallas lis-socjeta' attrici Waldorf Car Hire Limited l-ammont ta' elfejn, sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltija (Lm2,691.00,0), ghar-ragunijiet espressi fl-avviz odjern;**

**2. Tikkundanna wkoll lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez kollha nvoluti f'din il-procedura inkluzi l-imghax dovuti mill-ittra ufficcjali tas-7 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------